**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**SUPERJURI**

**MAGISTRAT**
**DR ANTONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)**

**SEDUTA TAL-5 TA' SETTEMBRU 2002**

Citaz Numru 180/00

Registratur tal-Qrati Superjuri

vs

Angelo Calleja

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li taqra:

"illi b'digriet tat-3 ta' Gunju 1999, dina l-Qorti ordnat il-hrug provvisorju ta' mandat ta' inibizzjoni numru 63/99 fl-ismijiet "Eugene Bajada vs Angelo Debrincat et" li bih il-konvenut flimkien ma' ohrajn gie inibit provisorjament u sakemm jinghata digriet finali milli sia personalment kif ukoll permezz ta' terzi persuni, jipprova jghaddi minn fuq raba proprjeta' tar-rikorrenti maghrufa bhala "Ta' Zaghawi" fil-limiti tal-Munxar, Ghawdex, li tmiss nofsinhar ma' triq, tramuntana ma' beni tal-familja Bajada u punent ma' beni ta' Giorgia Vella u Angelo Debrincat, inkluz il-passagg bir-rigel fuq in-naha tan-nofs inhar ossija lbic tar-raba ta' l-attur, liema passagg kien mifrud mir-raba attigwa b'hajt tas-sejjiegh illi a sua volta twaqqa' minn xi hadd m'hux maghruf izda probabbilment xi hadd mill-istess intimati, liema digriet qed jigi hawn anness u mmarkat Dok.A;

Illi dina l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti permezz ta' digriet fit-8 ta' Gunju 2000 u ordnat il-hrug ta' l-opportun mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati fir-rikors imsemmi, inkluz il-konvenut odjern, liema digriet qed jigi hawn anness u mmarkat dok.B;

Illi permezz ta' rikors tad-19 ta' Mejju 2000, l-imsemmi Eugene Bajada, fil-waqt illi ghamel riferenza ghad-digriet sureferit, ippremetta fost l-ohrajn illi fit-18 ta' Mejju 2000, il-konvenut Angelo Calleja ghal habta tas-2.30pm ghadda minn fuq ir-

raba tal-esponenti bi "tractor" proprju sabiex jisfida l-ordni tal-Qorti u talab illi dina l-Qorti joghgobha tordna lir-Registratur tal-Qorti jipprocedi b'kawza kontra l-imsemmi Angelo Calleja ghad-disprezz imwettaq minnu lejn l-awtorita' taghha, liema rikors qed jigi hawn anness u market dok.C;

Illi b'digriet tas-17 ta' Lulju 2000 hawn anness u market dok.D dina l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba ghall-proceduri ta' disprezz lejn l-awtorita taghha u ghalhekk ordnat li jittiehdu proceduri ta' disprezz lejn l-awtorita ta' dina l-Onorabbli Qorti fil-konfront tal-konvenut Angelo Calleja;

Illi ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;

TALAB ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:

1. issibu hati ta' disprezz ghall-awtorita taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kap 12;

2. tikkundannah ghall-pieni preskritti mil-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi;

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni u bit-twissija li jekk ma jidhirx huwa jista' jigi mgieghel biex iwiegeb ghall-akkuza bil-mezz ta'mandat ta' skorta jew ta' arrest..

Rat id-dikjarazzjoni debitament mahlufa, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mac-citazzjoni tal-attur;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. in linja preliminari l-illegittimita' tal-attur billi f'din il-kawza kellha tharrek il-Qorti u mhux ir-Registratur tal-Qrati Superjuri, liema Registratur kellhu biss ir-responsabilita' li jassigura li jitmexxew u li jigu istitwiti l-proceduri ta' disprezz ordnati mill-Qorti kontra l-eccipjenti u li a kura tieghu tigi pprezentata l-kawza fir-registru izda mhux li jharrek f'ismu. Taqa' taht ir-responsabilita' diretta tieghu r-registru tal-Qorti u l-ufficjali tal-istess registru izda mhux il-Qorti li hija awtorita sui generis;

2. in linja preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-inkostituzzjonalita tal-proceduri odjerni billi tali procediment jilledi d-drittijiet sanciti bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali li tifforma parti mil-ligi ta' Malta bis-sahha tad-disposizzjonijiet ta' l-Att nru. XIV ta' l-1987 u dan kif gie deciz mill-Qorti ta' l-Appell Sede Kostituzzjonali fil-kawza *Il-Qorti vs Angelo Pace* deciza fis-7 ta' Dicembru 1990. Konsegwentement il-procediment odjern huwa null u bla effett u l-eccipjenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

3. fil-meritu u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-eccipjenti ma ghamel xejn li jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita tal-Qorti, anzi kienet il-Qorti li bl-ordnijiet taghha poggiet lill-eccipjenti fl-impossibilita fizika u f'posizzjoni li ma jistax ikollu access fiziku u materjali ghal gol-ghalqa tieghu li m'ghandhiex hrug fuq it-triq pubblika, liema jedd ta' moghdija johrog mill-ligi.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni debitament guramenta u l-lista tax-xhieda flimkien mal-istess eccezzjonijiet.

Rat il-verbal tal-25 ta' Jannar 2001 fejn il-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni;

Rat il-verbal tat-18 ta' Jannar 2002 fil-waqt li l-kawza thalliet ghall-provvediment opportun rigward it-tieni eccezzjoni.

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

Din hi sentenza parzjali ghat-tieni eccezzjoni tal-konvenut li biha qajjem l-inkostituzzjonalita ta' l-odjerni proceduri ghar-raguni li "tali procediment jilledi d-drittijiet sanciti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali".

Issa huwa wisq car li din il-Qorti ghalkemm ghandha attribuzzjoni superjuri fejn "tiehu konjizzjoni tal-kawzi kollha tax-xorta ta' dawk illi… huma ta' kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili" [Art.50(b)], m'hiex b'daqshekk il-Prim Awla tal-Qorti Civili. Tibqa' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) b'zewg attribuzzjonijiet: wahda inferjuri u l-ohra superjuri. Dan ifisser li hi nieqsa fiha l-kompetenza li tisma' u tiddeciedi kawzi li jirrigwardaw ksur ta' drittijiet fondamentali tal-individwu protetti bil-Kostituzzjoni u/jew l-Konvenzjoni Ewropeja, din ta' l-ahhar, li hi parti integrali tal-ligijiet ta' dan il-pajjiz bis-sahha tal-Att XIV tal-1987. Ifisser ukoll li l-funzjoni taghha, fl-ambitu ta' drittijiet fundamentali, hija ben delinjata abbazi ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja.

Ghall-finijiet ta' din id-decizjoni huwa is-subartikolu 3 tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u s-subartikolu korrispondenti fl-Att tal-Konvenzjoni Ewropeja li jidhlu fis-sehh. Dawn is-subartikoli li huma essenzjalment redatti fl-istess termini jiddisponu illi " jekk f'xi proceduri f'xi Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda [mid-drittijiet fundamentali ta' l-individwu] dik il-Qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili *kemm il-darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja;* u dik il-Qorti ghandha

taghti d-decizjoni taghha fuq kull kwistjoni mibghuta quddiemha skond dan is-subartikolu u, bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-decizjoni".

Minn dan johrog carament li din il-Qorti tista' biss taghmel referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili meta quddiemha jigi mqanqal ksur jew allegat tali ta' xi dritt fundamentali sancit u protett bil-Kostituzzjoni u/jew l-Konvenzjoni Ewropeja, izda u sakemm, "fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja".

Ikkunsidrat:

Illi fil-kuntest ta' dak li gja inghad l-indagni li din il-Qorti hija permessa li taghmel hu li tara li l-kwistjoni ma hiex semplicement frivola jew vessatorja, jigifieri, li "mal-ewwel tidher li hi vana, nieqsa mis-serjeta, manifestament nieqsa mis-sens u ma jisthoqqilhiex attenzjoni u dan kollu b'mod tant car illi mhux ragonevolment possibbli li jigi kontestat, jew li tant ma hemmx ragunijiet sufficjenti biex tigi sostnuta t-tqanqil jew it-talba illi allura l-motivazzjoni tkun dik li ddejjaq u tirrita lill-kontro-parti" (vida *Appell Kostituzzjonali Ciantar –vs- Onorevoli Prim Ministru* – LXXIX. 1995. pt.1. pag 126).

Hu dan hu proprju il-kaz tat-talba odjerna tal-konvenut li din il-Qorti qeghdha tqisha kemm semplicement frivola u kemm semplicement vessatorja. Ikun appena sufficjenti li jinghad li l-istitut li jittratta "ir-Rispett li ghandu jingieb lill-Qorti" fit-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici tal-Procedura Civili hija essenzjali biex kull Qorti taqdi b'effikacja d-doveri lilha moghtija bil-ligi. Ukoll l-Qorti hi u tibqa' "super partes" anka meta, bhal fil-kaz in ezami, ser titratta mal-konvenut fuq allegat ksur ta' ordni emanenti minn digriet taghha wara mandat ta' inibizzjoni u tezamina mhux il-mandat ta' inibizzjoni izda l-allegat ksur tal-ordni. Oltre dan il-kawza kostituzzjonali citata mill-istess konvenut imkien ma tghid, kif jippretendi l-konvenut, li l-proceduri ghad-disprezz huma anti-kostituzzjonali, anzi ghall-kuntrarju ikklassifikathom qua reati soggetti ghal skrutinju adoperat f'kawzi ta' indole kriminali.

Ghaldaqstant qeghdha tichad it-tieni eccezzjoni fis-sens li qeghdha tiddikjara it-tqanqil ta' l-inkostituzjonalita' tal-proceduri bhala semplicement frivola u vessatorja. Daqstant tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-meritu.

(ft.) A.M.Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur